*Irkejjen Storiċi*

minn Vincent Zammit




*Pjanta tad-domus u parti mill-belt Melita. Sors: Gouder, 1983*

# Domus Rumana – Ir-Rabat

Wieħed mill-aktar postijiet arkeoloġiċi li jżuru l-istudenti hi bla dubju ta' xejn id-Dar Rumana li nsibu fir-Rabat, Malta. Din id-dar hi aktar magħrufa bħala l-Villa Rumana. Iżda jkun tajjeb li wieħed jibda jinduna li aħna qegħdin nużaw il-kelma *domus,* aktar milli villa. U dan bir-raġun kif sejrin nispjegaw aktar 'il quddiem.

Din id-dar hi ferm importanti. L-importanza tagħha jmur kemm għall-mużajk u fdalijiet oħra li nstabu hemm. Barra minhekk wieħed japprezza l-fatt li dar Rumana bħal din hi dejjem teżor importanti. Parti minn din id-dar tinsab fil-mużew magħruf bħala l-Mużew ta' l-Antikitajiet Rumani, filwaqt li partijiet oħra jinsabu fuq wara ta' l-istess bini tal-mużew.

### Villa jew Domus?

Ir-raġuni l-għala dawn il-fdalijiet Rumani huma llum magħrufa bħala *domus,* ġejja mill-fatt li minn informazzjoni li għandna issa, nafu fiż-żgur li dawk il-fdalijiet kienu jappartjenu lil bini li kien jinsab wara s-swar tal-belt Rumana Melita. Jekk allura l-bini kien jinsab fuq ġewwa tal-belt, wieħed irid jirreferi għal din id-dar bħala *domus.* Fdalijiet ta' vilel Rumani f'Malta nstabu wkoll, iżda dawn insibuhom 'il barra mis-swar tal-belt u fil-kampanja.

### Id-Domus Rumana

Il-fdalijiet ta' din id-dar instabu fis-sena 1881. Minħabba li f'dak iż-żmien l-arkeoloġija kienet differenti minn ta' llum, allura matul l-iskavi kif ukoll it-tindif tal-post, intilef ħafna materjal. L-aktar materjal li ntilef hu dak li jista' jagħtina aktar informazzjoni dwar id-dar Rumana.

Id-dar tidher li nbniet fl-ewwel seklu Qabel Kristu. Dan hu konkluż kemm mill-arkitettura, kif ukoll mid-dekorazzjonijiet li nsibu f'din id-dar. Il-biċċa l-kbira tad-dekorazzjonijiet li qegħdin insemmu huma ta' pavimenti tal-mużajk.

Mill-pjanta ta' din id-dar wieħed jassumi li kien hemm bini ta' xi ħadd ferm importanti u tal-flus. S'issa għadu ma nstabx fdal ta' bini Ruman ieħor ta' din il-kwalità.

Taħt is-saqaf tal-mużew, illum naraw parti minn din id-dar. Iżda jien nixtieq nitkellem dwar id-dar kif kienet oriġinarjament, u għalhekk se nitkellmu daqslikieku deħlin fiha mill-bieb prinċipali tagħha. Id-dħul kien minn intrata mżejna b'art tal-mużajk.

Għalkemm il-parti ċentrali tal-mużajk, jew inkella l-emblema kif inhi magħrufa, m'għadhiex aktar f'postha, illum tinsab għall-wiri fil-Mużew ta' l-Antikitajiet Rumani. Issuġġett tal-mużajk hu interessanti. Hawnhekk qegħdin naraw persuna maskili, kontrollata minn żewġ ninfi, jew satiri, li qegħdin jaqtgħu xagħar dan ir-raġel. Id-dettal f'dan il-mużajk hu xi ħaġa tal-għaġeb.

Minn din id-daħla, jew intrata, ngħaddu mbagħad għal kamra mdaqqsa sew. Din il-kamra tidher li kienet kbira, kemm minħabba l-konfini tagħha, kif ukoll minn dettal ieħor li nsemmuh aktar 'il quddiem. Skond disinn li sar fis-sena 1881, nafu li f'din il-kamra kien hemm pedestall, għalkemm m'huwiex magħruf eżatt liema wieħed kien.

Tajjeb ngħidu li jekk wieħed jagħti ħarsa sew lejn il-fdalijiet arkeoloġiċi li nsibu wara dan il-mużew, għadna nistgħu naraw l-art ta' din il-kamra li qegħdin insemmu. Kellha art mibnija sew, dan juri kif ir-Rumani kienu jibnu, u mhux ta' b'xejn li għad hemm bini Ruman li għadu jintuża sa llum.

Minn din il-kamra wieħed kien jgħaddi għal kamra oħra iżgħar li tinsab fuq ġewwa tal-mużew, u għaldaqstant hi protetta. Dan minħabba l-fatt li l-art għadha bil-mużajk. Il-mużajk ta' din il-kamra m'għadux fl-istat perfett tiegħu. L-awtoritajiet ħasbu wkoll biex mal-ħajt tal-mużew jimmarkaw id-daqs tal-bieb li kien hemm jgħaqqad din il-kamra ma' l-oħra ta' qabilha. Fl-istess ħin wieħed għandu jinnota wkoll li għad hemm numru ta' ġebel Ruman li juru l-ħitan oriġinali.

Forsi hawnhekk ikun tajjeb li wieħed jispjega wkoll li l-ħitan ma kinux jitħallew mingħajr dekorazzjoni ta' xejn. Kif inhuma llum wieħed jaħseb li dawn kienu mħollija mhux irfinuti. Wieħed lanqas m'għandu jaħseb li r-Rumani jagħmlu art b'dik id-dekorazzjoni kollha, biex imbagħad iħallu l-ħitan mingħajr tiżjin ta' xejn.

Fil-Mużew ta' l-antikitajiet Rumani hemm vetrina li fiha biċċiet ta' tikħil impinġi. Filwaqt li llum naraw min jieħu gost iwaħħal il-*wallpaper* mal-ħitan, fi żmien ir-Rumani l-użanza kienet li wara li jsir it-tikħil, ikun hemm impinġija numru ta' disinji.

Minn din il-kamra wieħed jgħaddi għal kamra oħra, li kull m'għad fadal minnha hi sempliċiment l-art bil-mużajk u l-għatba tal-kamra. Din ta' l-aħħar hi ta' l-irħam, u għandha wkoll żewġ toqbiet fejn kien jeħel il-bieb li kien jifred iż-żewġt ikmamar.

Naturalment, l-aktar ħaġa impressjonanti li kien hemm f'din id-dar kienet il-bitħa, magħrufa bħala *peristylium.* Din il-bitħa kellha l-art tagħha mżejna bil-mużajk, li fil-fatt hu meqjus bħala wieħed mill-aħjar xogħlijiet ta' dan it-tip li nsibu fl-istil Ellenistiku. Imbagħad kien hemm sittax-il kolonna li jdawru l-bitħa kollha.

Dawn il-kolonni oriġinarjament kienu magħmula mill-ġebla Maltija, iżda kienu imżejna. It-tiżjin tagħhom jikkonsisti billi mattul tal-kolonna kien hemm skanalar, u tikħil kulurit. Minn dawn il-kolonni kull m'għad fadal hi waħda biss. L-awtoritajiet ħadu ħsieb li jagħmlu kopja ta' l-oriġinal, ħalli dawk kollha li jmorru jżuru din id-dar, ikunu jistgħu japprezzaw aħjar dak li kien hemm fl-antik.

Fl-istess rokna fejn naraw din il-kolonna għad hemm parti mill-arkitrav tal-bitħa. Dan juri li min kien joqgħod hemm kien wieħed ta' ċertu livell soċjali għoli. Hu maħsub li dan seta' kien jew Ruman sinjur irtirat f'Malta, inkella Malti Romanizzat. Il-pjanti tad-dar juru li hawnhekk kien hawn dar privata.

Iżda tant kien hemm rikkezzi fiha li wieħed jassumi li kienet il-proprjetà ta' xi ħadd importanti u sinjurun. Minħabba f'hekk kien hemm min issuġġerixxa li din id-dar kienet tal-prokuratur ta' Malta, jew inkella l-protos. Fil-fatt kien hemm min ħaseb ukoll li apparti li din kienet dar, setgħet intużat ukoll għal-laqgħat pubbliċi.

Id-dar Rumana tar-Rabat kienet waħda ta' importanza. Dan mhux biss jixhduh id-dekorazzjonijiet li nsibu fl-art, iżda anki s-sejba ta' numru ta' statwi fid-dar. Dawn l-istatwi, fil-biċċa l-kbira tagħhom kienu jikkonsistu fl-irjus ta' membri tal-familja Imperjali. Il-fatt li f'din id-dar wieħed seta' jsib minn dawn il-fdalijiet, juri li s-sid kien wieħed uffiċjali wkoll.

Fl-istess ħin wieħed irid iżid li dan li għadna kemm spjegajna ma jurix id-daqs kollu tad-dar Rumana. Dan minħabba l-fatt li fis-sena 1889, meta kienet qiegħda tinqata' l-art biex issir it-triq li twassal taħt l-Imdina, dik il-parti kienet meqruda għal kollox. Għalhekk ma nistgħux inkunu nafu eżattament kif kienet id-dar Rumana.

B'din l-informazzjoni wieħed forsi jibda japprezza ftit aħjar l-importanza ta' din id-dar Rumana, id-*domus* Ruman tar-Rabat f'Malta.